**19 ta' Ġunju, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Prof. Wallace Ph. Gulia B.A., LL.D. B.Sc., Ph.C., M.A.(Admin)(Manch) D.P.A.(Lond)**

Il-Pulizija

*versus*

Mohammed Ahmed Ahmed Elserafy

**Konfessjoni – Volontarjetà – Arrest għal Aktar minn Tmienja u Erbgħin Siegħa**

*Il-fatt waħdu li akkużat jinżamm arrestat aktar minn tmienja u erbgħin siegħa mhux biżżejjed biex jinstab li l-istqarrija ma kinitx volontarja fis-sens ta' l-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali.*

Il-Qorti: –

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta tal-15 ta' Mejju, 1989, fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spettur Carmel Camilleri) kontra Mohammed Ahmed Ahmed Elserafy, fuq l-imputazzjoni talli fil-11 ta' Marzu, 1989 b'mezzi illegali daħħal jew għen biex jidħlu f'Malta u mingħajr ma ddikjara lill-uffiċjali tad-Dwana diversi oġġetti li l-valur tagħhom hu ta' Lm2834.70 dazju Lm2061.77, li l-importazzjoni tagħhom hi ristretta u d-dazju fuqhom ma ġiex imħallas jew kawtelat bi ksur ta' l-art. 60(a) u (ċ) u l-artikolu 62(a)(b)(ċ)(f)(g)(h)(i)(j) u (k) ta' l-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37) tal-liġijiet ta' Malta, li biha, wara li rat l-artikolu 60(a) u (ċ) u l-art 62(a)(b)(ċ)(f)(g)(h)(i)(j) u (k) ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37, sabet lill-imputat **ħati** talli fil-11 ta' Marzu 1989 b'mezzi illegali daħħal jew għen biex jidħlu f'Malta mingħajr ma ddikjara lill-uffiċjali tad-Dwana diversi oġġetti li l-valur tagħhom hu ta' Lm2749.70, dazju Lm2008.57 li l-importazzjoni tagħhom hi ristretta u d-dazju fuqhom ma ġiex imħallas jew kawtelat u kkundannatu għall-multa ta' **Lm7507.97** u ordnat il-konfiska ta' l-oġġetti msemmija fis-*seizure note* numru 37/89 minbarra s-17 *assorted wrist watches* u żewġ *"Lockvogel" bird callers;*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Mohammed Ahmed Aħmed Elserafy;

*Omissis;*

Ittrattat l-appell u kkunsidrat, dwar l-istqarrija; illi l-fatt li l-akkużat inżamm arrestat iktar minn tmienja u erbgħin siegħa (48) b'rilaxx intermedjarju qasir, b'dubbji serji ta' kemm seta' kien rilaxx effettiv, waħdu, mhux biżżejjed biex jinstab li l-istqarrija ma kinitx volontarja fis-sens ta' l-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali. Tonqos il-volontarjetà ta' l-istqarrija meta jirriżulta li kienet imġegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi. Issa veru li f'dan il-każ, l-akkużat huwa persuna strangiera, iżda mhux għal kollox, għal Malta; Eġizjan li skond hu l-Għarbi tiegħu mhux biżżejjed biex jipprova jiftiehem mal-Maltin bil-Malti, din mhix l-ewwel vista tiegħu fil-pajjiż. Iżda hawnhekk ir-reat huwa wieħed li tista' tgħid huwa universalment magħruf – dak ta' min idaħħal oġġetti sdazjati mid-dwana. Ma jidhirx li kien hemm xi biża' li ġegħlu jammetti r-reat in kwistjoni. Anzi l-fatt li kien strangier f'idejn il-pulizija huwa ċirkostanzi li jġegħluh jibni reazzjoni qawwija istintiva, irid u ma jridx, biex ma jammetti xejn. Jekk kien hemm xi biża' għax kien strangier żgur li dan il-biża' kien imxejjen mir-reazzjoni istintiva f'dan is-sens;

Konsegwentement ma jidhirx li l-istqarrija li għamel hemm xi raġuni legali għaliex għandha tkun skartata. Terġa' l-Qorti hija sodisfatta li l-interpretu tal-pulizija u l-akkużat kienu qed jiftehmu tajjeb u li hemm xhieda oħra barra l-istqarrija li jwasslu għall-konvinċiment morali li l-akkużat daħħal id-deheb in kwistjoni b'mod illegali u dan ukoll jekk ma tapplikax l-*"onus probandi"* invertit ta' l-artikolu 77 ta' l-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37);

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċidi li ma ssibx motiv għaliex għandha tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti kemm f'dik li hija ħtija, kemm f'dik li hija piena,

u konsegwentement tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja tal-Gżira ta' Malta tal-15 ta' Mejju, 1989 fl-ismijiet premessi.